



Brussell, 5 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9896/19

MK 2
REGIO 109

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7793/1/19 REV 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fl-EUSAIR

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fl-EUSAIR, kif adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-laqgħa tiegħu tad-9 ta' April 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fl-EUSAIR

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

(1) WAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2014¹ li approva l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Adrijatiku u l-Jonju (EUSAIR) abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2014²;

(2) WAQT LI JIKKUNSIDRA d-Dikjarazzjoni ta' Catania tal-24 ta' Mejju 2018 fejn il-Laqqha Ministerjali Kunsill Adrijatiku u Jonju/EUSAIR aċċettat it-talba mressqa mill-Maċedonja ta' Fuq li ssir d-disa' Pajjiż Parteċipanti tal-Inizjattiva Adrijatiku u l-Jonju, filwaqt li stiednet lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni Ewropea jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jinkludu lill-Maċedonja ta' Fuq fl-EUSAIR;

(3) WAQT LI JIKKUNSIDRA l-ittra tal-5 ta' Ottubru 2018 mill-erba' stati membri tal-UE tal-EUSAIR (il-Kroazja, il-Greċja, l-Italja u s-Slovenja) lill-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-UE fejn talbuha tniedi l-proċedura fil-Kunsill għall-inklużjoni tal-Maċedonja ta' Fuq fl-EUSAIR, u WAQT LI JINNOTA t-tweġiba tal-Presidenza Awstrijaka tas-6 ta' Diċembru 2018 kif ukoll it-tweġiba pożittiva tal-Kummissarju Cretu fl-ittra tagħha tal-20 ta' Novembru 2018;

A. JILQA' u JAĊĊETTA t-talba mressqa mill-pajjiżi parteċipanti fl-EUSAIR li jinkludu lir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq fl-EUSAIR;

B. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiegħu l-passi kollha meħtieġa biex tinkludi lill-Maċedonja ta' Fuq fl-EUSAIR u li tippreżenta lill-Kunsill Strateġija emendata kif meħtieġ.

¹ dok. 13503/14

² dok. 10675/14